MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tat-13 ta' Frar, 2003

Citazzjoni Numru. 877/2001/1

**Carmel Sciberras**

**vs.**

**Dr. Martin Fenech u P.L. Mario Mifsud Bonnici, li b'digriet tat-8 ta' Marzu, 2001 gew nominati bhala kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lil martu Kathleen Sciberras li hi assenti minn Malta.**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi l-attur u Kathleen Sciberras kienu zzewgu fil-31 ta’ Awissu, 1968 go l-Ingilterra, u matul dan iz-zwieg huma ma’ kellhomx tfal.

Illi l-istess Kathleen Sciberras irrendiet ruhha hatja fil-konfront ta’ l-istanti ta’ sevizzi u ngurji gravi, b’mod illi l-konvivenza bejn il-kontendenti m’ghadhiex aktar possibbli.

Illi *inoltre* l-imsemmija Kathleen Sciberras, minghajr raguni valida abbandunat lil attur aktar minn sentejn ilu u llum tghix barra minn Malta.

Illi b'digriet tas-Sekond'Awla tal-Qorti Civili ta' l-10 t'April tas-sena 2001, fl-ismijiet *“Carmel Sciberras vs Dr. Martin Fenech u P.L. Mario Mifsud Bonnici, li b'digriet tat-8 ta' Marzu 2001 gew nominati bhala kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lil Kathleen Sciberras li hi assenti minn Malta”,* l-istanti gie awtorizzat jipprocedi ghas--separazzjoni personali kontra l-konvenuti nomine.

Illi ghalhekk l-istess attur talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1. Tippronunzja s-separazzoni personali bejn il-kontendenti ghal ragunjiet imputabbli unikament lill-istess konvenuti nomine;

2. Tiddikjara u tiddeciedi illi ghar-ragunijiet premessi Kathleen Sciberras iddekadiet u tilfet id-dritt ghall-alimenti;

3. Tapplika kontra l-konvenuti nomine d-disposizzjonijet ta’ **l-artikoli 48, 51 u 55A tal-Kodici Civili** interament jew in parti a in kwantu applikabbli ghall-kaz;

4. Tiddikjara xjolta l-komunjoni ta' l-akkwisti ta' bejn il-kontendenti;

5. Tillikwida l-istess komunjoni ta’ l-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti b'dan illi jigi applikat l-**artikolu 48(1)(c) tal-Kodici Civili** fis-sens li Kathleen Sciberras titlef kull jedd li ghandha ghan-nofs ta’ l-akkwisti li saru waqt iz-zwieg l-aktar bil-hidma ta' l-attur;

6. Tassenja lill-attur l-assi hekk likwidati lilu previa n-nomina ta' Nutar Pubbliku biex jippubblika l-att opportun u kuratur biex jidher ghall-eventwali kontumaci;
Bl-ispejjez komprizi dawk tal-proceduri quddiem is-Sekond'Awla tal-Qorti Civili kontra l-konvenuti nomine li jibqghu ngunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol. 3 tal-process;

Rat il-lista ta' xhieda u d-dokumenti esebiti a fol. 4 tal-process;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti tal-8 ta' Frar, 2002 a fol. 14 fejn gie eccepit:-

1. Illi huma ghadhom mhux edotti mill-fatti tal-kaz u ghalhekk jirrelevaw illi jirrispondu f'aktar dettal u precizjoni fi stadju ulterjuri.

2. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tal-konvenuti a fol. 15 u 16 tal-process.

Rat il-verbali tas-7 ta' Mejju, 2002; tat-22 ta' Ottubru, 2002, fejn Dr. Pawlu Lia nforma lill-Qorti li l-affidavit tieghu kien prezentat f'Settembru, 2001 quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta u mhux qieghed fil-process, u fejn talab zmien biex jaderixxi ruhu mad-digriet tas-7 ta' Mejju, 2002 u l-Qorti estendiet iz-zmien ghall-prezentata ta' l-affidavits b'ghoxrin (20) jum mid-data tal-verbal; ta' l-4 ta' Frar, 2003 fejn l-attur iddikjara li fil-komunjoni ta' l-akkwisti ma hemm xejn u ma hemmx tfal u ma hemm l-ebda manteniment.

Rat in-nota ta' l-attur tat-28 ta' Ottubru, 2002 fejn esebixxa l-affidavit tieghu stess;

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## **<u>II. KONSIDERAZZJONIJIET.</u>**

Illi din hija kawza normali ta’ separazzjoni fis-sens li t-talbiet huma dawk li normalment ikun hemm f’dawn it-tip ta’ kawzi u fejn il-provi prodotti, bazikament konsistenti fl-affidavit tal-attur maghmul fit-28 ta’ Ottubru 2002, ma huma bl-ebda mod kontestati.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li l-attur izzewweg lill-konvenuta fil-31 ta’ Awissu 1968 fl-Ingilterra, u peress li qabel iz-zwieg l-istess attrici kienet korriet tlett (3) darbiet hija kienet giet informata li ma kienx jista’ jkollha tfal. Wara li zzewgu gew Malta u bdew joqghodu Hal Tarxien sa l-1974 u dan ghalkemm il-konvenuta kemm-il darba ilmentat mis-shana u riedet tmur lura pajjizha. Wara marru joqghodu x-Xaghjra, ghalkemm l-konvenuta baqghet issofri minn ugiegh f’darha u kienet tiehu kura diversa u anke ghamlet zmien konsiderevoli fis-sodda. F’dan iz-zmien kien l-attur li kien idur biha, almenu skond ix-xhieda tieghu.

Illi minhabba li l-konvenuta kienet tilmenta dwar il-kondizzjoniji taghha, relazzjonijiet intimi bejn is-sena 1983 u fil-31 ta’ Mazu 1994, meta l-konvenuta abbandunat id-dar konjugali, kienu waqfu ghall-kollox. Mill-paga kien itiha Lm160 kull hmistax u jzomm ghalih Lm60, minn ammont ta’ Lm220 kull hmistax.

Illi l-attur jghid li wara li ma halla lill-konvenuta nieqsa minn xejn u hija kienet tixtri dak kollu li trid u dan fl-ambitu ta’ l-introjtu tieghu, u anke sahhitha kienet giet ghall-ahjar, fl-1994 hija abbandunat id-dar konjugali u hadet l-flus kontanti kollha li kien hemm fid-dar li huwa snin qabel kien zbanka. B’kollox allega li martu hadet matul is-snin is-somma ta’ tnax-il elf lira Maltija (Lm12,000).

Illi l-istess attur isemmi kif il-konvenuta hadet ukoll minn god-dar diversi effetti mobbli anke parafernali tieghu, u kif b’digriet tas-Sekond’Awla indikat fic-citazzjoni attrici huwa

gie awtorizzat sabiex jghix fid-dar konjugali bl-eskluzjoni tal-konvenuta, liema ordni din il-Qorti qeghda tikkonferma.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-kuraturi deputati nkwantu l-istess jistghu jkunu nkompatibbli ma dawk it-talbiet li qed jigu prezenzjalment milqugha, **tilqa' t-talbiet attrici** biss fis-sens premess b'dan illi:-

1. Tippronunzja s-separazzoni personali bejn il-kontendenti ghal ragunjiet imputabbli unikament lill-istess konvenuta assenti, u dan minhabba sevizzi, ngurji, u abbandun da parte taghha fil-konfront ta' l-attur u ghaliex il-hajja bejn il-kontendenti fiz-zwieg tkissret irremedjabbilment;

2. Tiddikjara u tiddeciedi illi ghar-ragunijiet premessi Kathleen Sciberras iddekadiet u tilfet id-dritt ghall-alimenti stante l-abbandun taghha mid-dar konjugali minghajr raguni valida;

3. Tapplika kontra l-konvenuta assenti d-disposizzjonijet ta' **l-artikoli 48, 51 u 55A tal-Kodici Civili** interament stante li huma applikabbli ghall-kaz;

4. Tiddikjara xjolta l-komunjoni ta' l-akkwisti ta' bejn il-kontendenti b'effett mill-31 ta' Marzu 1994;

5. Tillikwida l-istess komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti b'dan illi jigi applikat **l-artikolu 48(1)(c) tal-Kodici Civili** fis-sens li Kathleen Sciberras titlef kull jedd li ghandha ghan-nofs ta' l-akkwisti li saru waqt iz-zwieg l-aktar bil-hidma ta' l-attur, inkluz l-effetti kollha li ghad hemm fl-istess dar konjugali li ghandhom jappartjenu lill-attur u ghalhekk ghandhom jigu assenjati lill-attur, u dan inkluz kull dritt ta' abitazzjoni fid-dar konjugali, bl-eskluzjoni tal-konvenuta, li minghajr raguni valida abbandunat id-dar konjugali;

6. Tassenja lill-attur l-assi hekk likwidati kif indikati f'din is-sentenza u fid-disposizzjoni precedenti ghal din, fl-istess decizjoni, fil-waqt li tiddikjara li ma hemmx bzonn in-nomina ta' Nutar Pubbliku biex jippubblika l-att opportun u lanqas ta' kuratur biex jidher ghall-eventwali kontumaci;

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-proceduri quddiem is-Sekond'Awla tal-Qorti Civili kontra l-konvenuta assenti filwaqt li l-kuraturi deputati ghandhom jithallsu skond il-ligi.

**Moqrija.**

--------------------------------TMIEM--------------------------------